# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1918

## tat-28 ta' Ottubru 2016

## rigward ċerti miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni mal-marda tat-tnewwin kroniku

*(notifikata bid-dokument C(2016) 6815)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprovdi li l-miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni mal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE) jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni b'konformità mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE ([2]).

(2) F'konformità mal-punt 1.1.2 tal-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE") ([3]), għall-finijiet tal-Ftehim ŻEE, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 90/425/KEE ma japplikax u kwalunkwe referenza għal dik id-dispożizzjoni għandha tikkostitwixxi referenza għall-paragrafu 3 tal-parti introduttorja tal-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. F'konformità mal-punt (a) ta' dan il-paragrafu, jekk l-Unjoni biħsiebha tadotta miżuri ta' salvagwardja b'konnessjoni ma' Stat tal-EFTA, hi għandha tinforma lill-Istat tal-EFTA mingħajr dewmien. Barra minn hekk, il-miżuri proposti għandhom jiġu notifikati mingħajr dewmien lil kull Parti Kontraenti tal-Ftehim ŻEE u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Fis-17 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni informat lin-Norveġja bl-intenzjoni tagħha li tadotta miżura ta' salvagwardja dwar ċervidi ħajjin min-Norveġja minħabba bosta każijiet tal-marda tat-tnewwin kroniku identifikati fin-Norveġja. Fit-28 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni nnotifikat il-miżura proposta lill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE, u fit-30 ta' Awwissu 2016, hija nnotifikathom lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

(3) Il-marda tat-tnewwin kroniku hija TSE taċ-ċervidi u hija infettiva, u għalhekk tista' tikkawża xkiel għall-kummerċ fl-Unjoni, għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(4) F'każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda, hemm riskju li l-marda tista' tinxtered f'popolazzjonijiet ta' ċervidi oħra kif ukoll reġjuni oħra. B'hekk, hija tista' tinxtered minn Stat Membru jew Stat tal-EFTA taż-Żona Ekonomika Ewropea ("Stat taż-ŻEE-EFTA") għal Stat Membru ieħor jew għal Stat ieħor taż-ŻEE-EFTA u għal pajjiżi terzi permezz tal-moviment ta' ċervidi ħajjin.

(5) In-Norveġja informat lill-Kummissjoni dwar diversi każijiet tal-marda tat-tnewwin kroniku konfermati fit-territorju tagħha sa mill-bidu ta' April 2016 u fl-11 ta' Lulju 2016 adottat miżura temporanja li tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċervidi ħajjin min-Norveġja sal-1 ta' Jannar 2017, mingħajr preġudizzju għal derogi speċifiċi.

(6) Sabiex jiġi evitat kull xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u sabiex jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ li jiġu imposti minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li tiġu adottata fil-livell tal-Unjoni projbizzjoni tal-moviment ta' ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għal derogi speċifiċi. Għal raġunijiet prattiċi, dik il-projbizzjoni għandha tapplika għal ċervidi ħajjin mċaqalqa flimkien ma' attività umana, iżda mhux għal movimenti ta' ċervidi slavaġ li jaqsmu l-fruntiera tan-Norveġja mingħajr ebda intervent uman.

(7) Minħabba li l-movimenti ta' ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Iżvezja jew il-Finlandja għall-qatla immedjata fil-pajjiż ta' destinazzjoni jirrappreżentaw riskju baxx għas-saħħa tal-annimali, għandha tiġi prevista deroga li tippermetti dawn il-movimenti, dment li l-Istat Membru ta' destinazzjoni jagħti l-kunsens tiegħu bil-miktub.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zooteknku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29).
([3]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

(8) Għandhom jitqiesu t-tradizzjonijiet tar-ragħa staġjonali transkonfinali tar-renni u l-movimenti tar-renni li jintużaw f'avvenimenti sportivi jew kulturali bejn in-Norveġja u l-Iżvezja. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu stabbiliti b'mod eċċezzjonali derogi speċifiċi. Minħabba r-riskju għas-saħħa tal-annimali li l-movimenti permessi minn dawn id-derogi jirrappreżentaw, partikolarment f'termini ta' kontaminazzjoni ambjentali bil-prijoni tal-marda tat-tnewwin kroniku fiż-żoni ta' destinazzjoni, dawn il-movimenti għandhom ikunu ristretti għal żoni definiti fl-Iżvezja, u l-bgħit ta' ċervidi ħajjin minn dawk iż-żoni għandgu jiġi pprojbit, bl-eċċezjoni ta' bgħit lejn il-bqija tal-Iżvezja, lejn in-Norveġja u lejn il-Finlandja, għall-qatla immedjata, dment li l-Istat Membru ta' destinazzjoni jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

(9) Is-sies għar-renni bejn in-Norveġja u l-Finlandja jipprovdi protezzjoni għas-saħħa tal-annimali għal ċervidi ħajjin fit-territorju tal-Finlandja. Madankollu, dan is-sies ma jsegwix b'mod preċiż il-fruntiera Norveġiża-Finlandiża, u f'ċerti postijiet jinsab ftit kilometri fit-territorju tal-Finlandja jew ftit kilometri fit-territorju tan-Norveġja. Il-projbizzjoni fuq il-moviment ta' ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Unjoni ma għandhiex għalhekk tapplika għall-movimenti ta' ċervidi għar-ragħa min-Norveġja lejn il-Finlandja sas-sies għar-renni bejn iż-żewġ Stati jew movimenti ta' renni mill-Finlandja li kienu jirgħu fin-Norveġja sas-sies għar-renni bejn iż-żewġ Stati u jmorru lura lejn il-Finlandja. Għall-fini ta' konsistenza legali, il-bgħit ta' ċervidi ħajjin minn żoni fil-Finlandja sas-sies għar-renni bejn in-Norveġja u l-Finlandja għandu jiġi pprojbit, bl-eċċezjoni ta' bgħit lejn il-bqija tal-Finlandja, lejn in-Norveġja jew lejn l-Iżvezja għall-qatla diretta.

(10) Il-projbizzjoni għandha tkun temporanja, u soġġetta għal rieżami, sal-31 ta' Diċembru 2017, tas-sitwazzjoni epidemjoloġika u tan-neċessità tal-projbizzjoni.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċervidi ħajjin" tfisser annimali ħajjin tal-familja *Cervidae*;

(2) "renni ħajjin" tfisser annimali ħajjin tal-ġeneru *Rangifer*.

*Artikolu 2*

(1) Il-moviment ta' ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Unjoni għandu jkunu pprojbit.

(2) B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi dawn il-movimenti ta' ċervidi ħajjin:

(a) movimenti ta' renni ħajjin għal ragħa staġjonali min-Norveġja lejn iż-żoni fl-Iżvezja elenkati fl-Anness, jew lura lejn iż-żoni fl-Isvezja elenkati fl-Anness wara ragħa staġjonali fin-Norveġja, dment li l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal dan il-moviment;

(b) movimenti ta' renni ħajjin għal ragħa staġjonali min-Norveġja lejn iż-żoni fil-Finlandja elenkati fl-Anness;

(c) movimenti ta' renni ħajjin mill-Finlandja li kienu jirgħu fin-Norveġja fiż-żona li tinsab bejn il-fruntiera Norveġiża-Finlandiża u s-sies għar-renni bejn dawn iż-żewġ Stati u jirritornaw lura lejn il-Finlandja;

(d) movimenti ta' ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Iżvezja jew il-Finlandja għall-qatla diretta, dment li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal dan il-moviment;

(e) movimenti ta' renni ħajjin min-Norveġja lejn iż-żoni fl-Iżvezja elenkati fl-Anness għal avvenimenti sportivi jew kulturali, jew wara li jkunu ħadu sehem f'avvenimenti sportivi jew kulturali, dment li l-awtorità kompetenti tal-Iżvezja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub għall-moviment ta' dawn il-konsenji;

(f) tranżitu ta' ċervidi ħajjin min-Norveġja lejn l-Iżvezja jew il-Finlandja u destinati għan-Norveġja, dment li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' tranżitu tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel.

*Artikolu 3*

(1) L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprojbixxu l-bgħit ta' ċervidi ħajjin miż-żoni elenkati fl-Anness.

(2) B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess il-bgħit ta' ċervidi ħajjin għall-qatla diretta miż-żoni fl-Iżvezja elenkati fl-Anness lejn il-bqija tal-Iżvezja u lejn il-Finlandja, dment li l-awtorità kompetenti ta' destinazzjoni tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal dan il-moviment.

(3) B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess il-bgħit ta' ċervidi ħajjin għall-qatla diretta miż-żoni fil-Finlandja elenkati fl-Anness lejn l-Iżvezja. Barra minn hekk, għandu jkun permess il-bgħit ta' ċervidi ħajjin għall-qatla diretta miż-żoni fil-Finlandja elenkati fl-Anness lejn il-bqija tal-Finlandja, dment li l-awtorità kompetenti tal-Finlandja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel għal dan il-moviment.

(4) B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess il-bgħit ta' ċervidi ħajjin miż-żoni elenkati fl-Anness lejn in-Norveġja, dment li l-awtorità kompetenti tan-Norveġja tagħti l-kunsens tagħha bil-miktub minn qabel.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

1. **Iż-żoni tal-Iżvezja msemmija fl-Artikoli 2(2)(a), 2(2)(e), 3(1), 3(2) u 3(4)**

— il-kontea ta' Norrbotten,

— il-kontea ta' Västerbotten,

— il-kontea ta' Jämtland,

— il-kontea ta' Västernorrland,

— il-muniċipalità ta' Älvdalen fil-kontea ta' Dalarna,

— il-muniċipalitajiet ta' Nordanstig, Hudiksvall u Söderhamn fil-kontea ta' Gävleborg.

2. **Iż-żoni tal-Finlandja msemmija fl-Artikoli 2(2)(b), 3(1), 3(3) u 3(4)**

— iż-żona li tinsab bejn il-fruntiera Norveġiża-Finlandiża u s-sies għar-renni bejn in-Norveġja u l-Finlandja.